MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Numru. 538/2005

Il-Pulizija
(Spettur Michael Mallia)
(Spettur Josric Mifsud)

vs

France Sultana

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, France Sultana, 60 sena, bin France u Mary nee Dublet, imwieled Hamrun, data tat-twelid 12/09/44, residenti fl-fond numru 75, Carmel Street, Zabbar, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 790144(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-24 ta’ Dicembru 2004, gol-Belt Valletta ghall-habta tat-tlieta u nofs ta’ wara nofsinhar :

a) Seraq mija u sittin Lira Maltin (LM160) ghad-detriment tal-Lands Department liema serq huwa aggravat bil-ammont u bil-persuna;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta’ l-Avukat Generali datat 7 ta’ Novembru, 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-18 ta’ Novembru, 2005 ai termini ta’ l-Artikolu 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar is-6 ta’ Lulju, 2007 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u kkopera bis-shih fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet kif ukoll is-sitwazzjoni familjari u psikologika ta’ l-imputat fil-mument li huwa kkommetta r-reat li bih jinsab akkuzat fil-proceduri odjerni.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 268 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif minnu ammessa u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu

22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor sa zmien sentejn (2) millum.

B’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 533 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-imputat qed jigi kkundannat ihallas l-ispejjes konnessi ma’ l-inkjesta magisterjali esebita a folio 15 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------